**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' April, 2020**

**Rikors nru: 170/2018 AGV;**

**ABC (ID nru: 367813L)**

**vs**

**DCE (ID nru: 122378M), li b' digriet tat- 28 ta' Frar 2020, gie kancellat il-kunjom C u ghalhekk gie jaqra' DE.**

**U**

**Direttur Registru Pubbliku, u Dr. Fransina Abela u PL Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati ghal minuri FGHC.**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat ta' ABC li kkonferma dal-fatti li gejjin:-

1. Illi r-rikorrenti izzewweg lil DCE fil-5 ta' Jannar 2008.

2. Illi tul dan iz-zwieg twieldu I, J, FGHC u K.

3. Illi jirrizulta li minkejja li FGHC twieled tul iz-zwieg, ir-rikorrent mhux il-missier, tal-istess minuri.

4. Illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti (Sezzjoni Familja) numru 1900/2015 tal-25 ta' Awwissu 2015, ir-rikorrenti u l-intimata DCE gew awtorizzati sabiex jersqu ghal kuntratt tas-separazzjoni personali konsenswali quddiem in-Nutar Dr. Veronica Mizzi Young.

5. Illi fl-24 ta' Awwissu 2015 ir-rikorrenti u l-intimata resqu ghall-kuntratt tas-separazzjoni personali konsenswali fejn fost ohrajn fi klawsola numru 6 ( a) kien iddikjarat illi " *The Father hereby confirms that he will be instituting procedures in the Competent Maltese Courts, in order to conform that he is not the father of Felix".*

6. Illi stante illi l-minuri F, twieled tul z-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata, l-istess minuri gie registrat bhala wild ir-rikorrenti ABC.
7. Illi kif diga' gie dikjarat f'dan ir-rikors guramentat l-missier bijologiku tal-minuri, mhux ir-rikorrenti ABC.

8. Illi b'hekk ic-certifkat tat-twelid tal-minuri, juri dettalji li mhux veritieri, billi isem il-missier jindika persuna mhux il-veru missieru.

9. Illi ghal dawn ir-ragunijiet jehtieg li jsiru il-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri.

10. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:-

a. Fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikjarat li l-minuri FGHC ma hux il-wild bijologiku tar-rikorrenti ABC kif indikat fl-att tat-twelid bin-numru 1036364/ 2011;

b. Konsegwentament, jigi kkoreggut l-att tat-twelid, relattiv bin-numru 1036364/2011, sabiex dan jirrifletti l-verita' dwar il-paternita' tal-rikorrenti minuri;

Ghaldaqstant in vista tal-premessi r-rikorrenti jitlob lil dina Onorabbli Qorti, sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ABC mhux il-missier naturali tal-minuri FGHC;

2. Konsegwentement tordna li jithassru id-dettalji tar-rikorrenti mill-kolonna 'isem u kunjom u post tat-twelid', mic-certifikat tat-twelid tal-minuri u jigu sostitwiti b'missier mhux maghruf;
3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawn il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri, billi jigi kkancellat isem ABC bhala missier it-tarbija u minflok jigu inseriti bhala Missier mhux maghruf, kif ukoll illi kunjom il-minuri jigi mibdul minn FGHC, ghal FGHE u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri;

4. Tordna lill-intimat Direttur Registru Pubbliku sabiex jaghmel l–emendi kollha mehtiega fl-att tat-twelid, tal-minuri FGHC, prezentament maghruf bil-kunjom C, u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmija certifikat tat-twelid.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku** datata 23 ta' Novembru 2018 fejn gie dikjarat u kkonfemat dan li gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti jecepixxi li l-attur ma ddikjarax a bazi ta' liema artikolu qed isejjes l-azzjoni tieghu. Ghaldaqstant, l-esponenti bil-permess gentili ta' din il-Qorti jirriserva d-dritt li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, meta l-attur jiddikjara tali artikolu.

2. Illi bla hsara ghall-premess u preliminarjament ukoll l-esponenti jecepixxi, illi l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex l-attur ikun jista' jipprocedi bl-azzjoni odjerna ma gietx miksuba.
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jistqarr li hu mhux edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat.

4. Illi bla hsara ghas-suespost l-esponenti qed jassumi illi din il-kawza giet intavolata ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-kawza istanti si tratta propju ta' denegata paternita', stante dan l-attur jehtieglu preliminarjament jipprova u jissodisfa r-rekwiziti hekk kif elenkati fl-artikolu 70 sub inciz 1 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi bla pregiudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi il-minuri.

6. Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f' kaz li din l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet ' the said' li jinsabu qabel isem ABC, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-taghrif dwar l–omm, ghandhom jigu kkancellati mill-atti tat-twelid, bin-numru tar-registrazzjoni 2917/ 2011.

7. Illi finalment l-esponenti dejjem minghajr pregudizzju, ghas-surreferit, l-esponenti jirrimettu li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi ghamil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u ghaldaqstant, huwa ma ghandux jigi assoggettat ghal ispejjez tal-kawza istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta ta' DCE** datata 16 ta' April 2019 fejn esponiet bir-rispett dawn il-fatti:-

1. Illi prelimarjament l-esponenti tecepixxi illi l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex l–attur ikun jista' jipprocedi b' din il-kawza, ma gietx miksuba.

2. Illi l-esponenti mhix qed topponi ghal-ewwel talba tal-attur, li mhux il-missier natural ta' FGHC hekk kif stipulat fi klawsola 6 (a) tal-

kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, nhar l-24 ta' Awwissu 2015 ( Dok A anness mar-rikors promutur).

3. Illi l-esponenti ma toggezzjonax li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhejji l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid, bin-numru ta' iskrizzjoni 2917 tas-sena elfejn u hdax tal-minuri FGHC u dan billi jigu kkancellati minnu kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, id-dettalji kollha tar-rikorrent ABC ( Dok B anness mar-rikors promutur).

4. Illi l-esponenti rigwardanti l-kunjom tal-minuri, tipproponi li dan ghandu jinbidel ghal FGHE u mhux kif propost mir-rikorrenti FGHCE u dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri.

5. Illi taqbel mar-raba' talba tal-attur.

6. Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza stante illi kienet l-ghazla tal-attur li jiehu responsabilita' legali li jiftah il-proceduri odjerni quddiem dina l-Qorti, sabiex jikkonfema jekk hux il-missier naturali tal-minuri, hekk kif stipulat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet.

7. Illi l-esponenti tirrimetti ruhha ghal procedura u gwida ta' dina l-Onorabbli Qorti fic-cirkustanzi tal-kawza odjerna.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa min issa ingunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tal-kuraturi deputati** Dr. Fransina Abela u PL. Hilda Ellul Mercer sabiex jirraprezentaw lil minuri FGHCE datata 28 ta' Novembru 2019 fejn eccepew is-segwenti:-

1. Illi huma fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati in linea preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati bihom jidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega li biha l-esponenti gew mahtura bhala kuraturi depuatati ad litem tal-minuri FGHCE, skont d-disposizzjonijiet tal-artikolu 782, 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi bla pregudizzju l-esponenti jistqarru li huma ma humiex edotti mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-mertu tal-kaz, in kwistjoni huma jirrimettu ruhhom ghar-rizultanzi istruttorji ghalhekk f'dan l-ambitu, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, tistieden lill-partijiet kollha kkoncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 100 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

**<u>FATTI</u>**

**<u>ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku l-attur pprezenta nota fejn iddikjara li qed jaghmel il-kawza ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-eccezzjoni li kellha tintalab awtorizzazzjoni sabiex tinfetah il-kawza, jirrizulta li gie pprezentat rikors fl-4 ta' Lulju, 2018 u d-digriet ghall-awtorizzazzjoni nhareg fit-18 ta' Settembru, 2018 u ghalhekk dina l-eccezzjoni giet issorvolata ukoll.

**FATTI**

1. Dr. Marisa Cassar giet nominata sabiex izomm it-testiiet genetici u r-rizultanzi mill-kampjuni li ttiehdu minnha kkonfermaw li ABC mhux il-missier naturali ta' F. Dan ir-rizultat jinsab iddikjarat fir-rapport taghha li jgib in-numru PT 2001324.

2. Illi l-konvenuta DE taqbel li l-attur mhux il-missier naturali u biologiku tal-minuri FGHC, minkejja li dak iz-zmien kienu mizzewwgin.

3. Gie kkonfermat ukoll li l-konjugi C, sseparaw konsenswalment permess ta' kuntratt fl-24 ta' Awissu, 2015, fl-atti tan-Nutar Dr. Veronica Mizzi Young, fejn kien hemm ukoll iddikjarat f'klawsola 6 (a) li l-attur kien qed jirrizerva d-dritt tieghu li jiftah proceduri ta' denegata' paternita' fil-konfront tal-minuri F.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur ABC, mhuwiex il-missier naturali tal-minuri FGHC;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawn il-korrezzjonijiet mehtiega fl- att tat-twelid tal-minuri, billi jigi kkancellat isem ABC bhala missier it-tarbija u minflok jigu inseriti bhala Missier mhux maghruf, kif ukoll illi kunjom il-minuri jigi mibdul minn FGHC, ghal FGHE u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri;

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem ABC, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-taghrif dwar l–omm, ghandhom jigu kkancellati mill-atti tat-twelid, bin-numru tar-registrazzjoni 2917/ 2011.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta DE.

**Onor. Imhallef Anthony. J. Vella** **Registratur**